# Is-Sliem

Novembru 2006

Nru. 206

**Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Agira, Ħaż-Żebbuġ**

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali:
9, Triq il-Parroċċa,
Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 02

*Messaġġ ta' l-Arċipriet:*

## NEMMEN FIX-XIRKA TAL-QADDISIN ... !!!!



***Għadna nistgħu nikkomunikaw u nirrikonċiljaw ma' dawk li ssieħbu qabilna f'dix-XIRKA TAL-QADDISIN!***

Qegħdin fix-xahar ta' Novembru, xahar iddedikat lill-mejtin; u f'dawn iż-żminijiet ħafna minna nagħmlu ħilitna biex inżuru ċ-ċimiterji biex nuru rispett lejn l-għeżież tagħna li telqu qabilna. Huwa ritwal li fil-kuntest tal-fidi tagħna jagħmel ħafna sens.

Ma nafx min minnkom mietlu xi ħadd mill-familja tiegħu jew xi ħabib, f'daqqa, u li meta jħares lura jgħid: "kieku kont naf li kien/kienet wasal/waslet fl-aħħar, kont inġib ruħi differenti miegħu/magħha…, bħallikieku bqajna ma kkonkludejniex, tlaqna lil xulxin hekk, mingħajr ma kellna ċans insellmu lil xulxin jew, kif jgħidu l-ingliżi, bejnietna baqa' ħafna "*unfinished business*". Forsi weġġajniehom aħna jew weġġgħuna huma u qatt ma rranġajna l-affarijiet bejnietna; jew li stajna nagħtuhom iktar minnha nfusna, pero' konna preokkupati iktar bina nfusna li ma kellniex ħin għalihom; jew li konna miksurin magħhom u xtaqna nagħmlu ġest ta' rikonċiljazzjoni u qatt ma wasalna li nagħmluh, u issa tard wisq! Issa l-mewt isseparatna, u ngħixu bil-ħtija "li kieku ...li kieku..."

Però "li kieku..." jisparixxi kieku nieħdu bis-serjetà d-duttrina nisranija li titkellem fuq ix-xirka tal-qaddisin, li kemm-il darba stqarrejna li nemmnu fiha fil-Kredu!!!

Li nemmnu fix-xirka tal-qaddisin ifisser li nemmnu li, dawk li mietu qabilna, għadhom marbutin magħna b'mod li nistgħu nikkomunikaw magħhom u nitkellmu magħhom. Li nemmnu li r-relazzjoni li għandna magħhom, tkompli tikber u wkoll li r-rikonċiljazzjoni li, minħabba ħafna raġunijiet umani, ma kienetx possibbli f'din il-ħajja, issa tista' sseħħ!!!

Grazzi għall-Fidi tagħna fix-xirka tal-qaddisin, għandna komunikazzjoni privileġġjata ma' dawk li, għal xi raġuni jew oħra, għad għandna magħhom "*unfinished business*" .

Tkun konsolazzjoni kbira li naraw lil min ikollu/ikollha mewta sabiha, bil-qraba li jħobbuh/a u bil-familja kollha miġburin madwaru/ha.

Però, fortunatament għal dawk li ma jmutux hekk, hemm żmien privilleġġjat, wara l-mewt, li matulu wieħed jista' jagħmel tajjeb għal dan.

Huwa veru li l-isbaħ rispett nuruh lejn ħutna waqt li għadhom ħajjin!!! Però jekk, għal xi raġuni jew oħra, dan ma għamilniehx, …grazzi għat-twemmin tagħna fix-Xirka tal-Qaddisin, iva, issa nistgħu nagħmlu tajjeb għal dak li ma għamilniex waqt li kienu magħna.

Għalhekk hu sew li nitlobu għall-għeżież mejtin tagħna u noffru quddies għall-bżonnijiet tagħhom, għax b'hekk inkunu qegħdin nuru li, minkejja kollox, aħna inħobbuhom.

Il-Mulej Iberrikkom!

Fr.Daniel Cardona,
Arċipriet.

## ULIED IL-PARROĊĊA...

Fit-23 jum ta' dan ix-xahar ta' <u>**NOVEMBRU**</u>, jagħlaq 10 snin mejjet l-**Awtur Żebbuġi** <u>**PAWLU MIFSUD**</u> (kien twieled fis-27/04/1923 u miet fit-23/11/1996).

**Pawlu Mifsud** kellu karriera twila bħala għalliem, assistent-kap u kap ta' skola. Membru u Teżorier ta' l-"Akkademja tal-Malti", u fil-bord editorjali ta' "Il-Malti". Involut attivament fil-pubblikazzjoni tal-"Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesu'", "*The Crusader*", u fi programmi reliġjużi għar-radju. Kittieb ta' esejs, novelli, poeżiji u *features* għar-radju. Wieħed mill-pijunieri tad-"Denfil". Awtur tal-kotba: "Id-Disa' Uffizzji tal-Qalb ta' Ġesù" (maqlub mit-Taljan); "Il-Ħajja tas-Sur Fons Marija Galea" (maqlub mill-Ingliż); "Ħjut tad-Deheb" (poeżiji għat-tfal); u "Serafin is-Saħħâr" (avventura għat-tfal).

# IN-NOVISSMI:

## Mewt, Ġudizzju, Infern u Ġenna



**It-Tbissima Qaddisa tal Beatu ĠORĠ PRECA.... Wara mewtna, il-premju-ħlas ta' ħidmietna!**

*Żgur li mmut. Meta ma nafx. U darba biss. Malli mmut inkun iġġudikat/a fuq għemili ta' ħajti kollha, u s-sentenza li tmissni tkun żgur waħda minn dawn it-tnejn: jew tgawdija eterna jew tbatija eterna.*

*Dun Ġorġ*

Illum forsi ma tantx għadna nisimgħu l-kelma "Novissmi", jiġifieri, il-Mewt, il-Ġudizzju, l-Infern u l-Ġenna. Xi wħud forsi jippruvaw jirredikolawhom. "Min qatt mar u ġie!", jgħidulek. Iżda jekk verament inti segwaċi ta' Kristu, il-Fidi għandha twasslek biex temmen dawn l-erba' veritajiet kbar. L-Iskrittura tgħidilna li min jaħseb fin-Novissmi ma jidneb qatt.

Il-Mewt hi għal kulħadd u fiż-żgur. Tifhem inti xejn is-serjetà ta' din il-frażi: "*tmut darba biss*"? Jiġifieri dakinhar li inti tmut tinfired minn kull persuna u minn kull ħaġa għażiża għalik. Għalhekk issa huwa ż-żmien li taħdem biex fl-aħħar ikun jistħoqqlok il-premju etern. Ħadd ma jaf is-siegħa tal-mewt tiegħu/tagħha; għalhekk tajjeb li tkun dejjem ippreparat/a.

Bħall-mewt, il-Ġudizzju wkoll huwa inevitabbli. Jenħtieġ li lkoll nidhru quddiem Alla biex inkunu ġġudikati minnU stess fuq għemilna. Qiegħed/qiegħda inti tħobb lill-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, bi ħsiebek kollu, bil-forzi tiegħek kollha, u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek?

Fuq l-Infern, Dun Ġorġ jikteb: "X'għedt int meta ġara li ħraqt jew smatt idek? Tissaporti sebgħek biss fuq fjamma għal minuta waħda? Kun af, immela, li Ġesù Kristu qal li fl-infern hemm nar ta' dejjem. Kieku bniedem imut u jerġa' ħaj, taħseb inti li sejjer jgħix bħalma għex? Żgur li jagħmel penitenzi tassew kbar!".

Minn dak li naraw madwarna nistgħu nieħdu idea żgħira tas-sbuħija tal-Ġenna. Fuq dan, Dun Ġorġ jgħid: "Jekk l-opri ta' idejn Alla jsaħħru bi ġmiel li jbeżża', kemm iżjed sabiħ Dak stess li għamilhom?" Għalhekk, għalkemm li tagħmel ir-rieda t'Alla mhux dejjem faċli, u f'ħajtek se ssib tfixkil, il-ħsieb tal-premju etern tal-ġenna għandu jagħmillek kuraġġ biex tibqa' miexi, sabiex fl-aħħar ikun jistħoqqlok li tidħol fit-tgawdija eterna.

Nistiednek tieqaf għal ftit minuti u taħseb fiex inti fir-relazzjoni tiegħek ma' Alla.

- Jekk tħoss li għandek bżonn tirranġa xi ħaġa, agħmel kuraġġ u ibda llum.
- Kemm taħseb bis-serjetà fuq dawn il-veritajiet jew tipprova taħrabhom?

*"Għajn ta' bniedem qatt ma rat, widnejn ta' bniedem qatt ma semgħu, lanqas qatt daħal f'qalb ta' bniedem, x'lesta Alla għal dawk li jħobbuh!"*

*San Pawl.*

**kitba ta' JOSEPHINE CILIA,**
**Superjura MUSEUM**
**Qasam tal-Bniet,**
**Ħaż-Żebbuġ**

TOYOTA
THE QUALITY EXPERIENCE

# GĦADDEW GĦALL-ĦAJJA TA' DEJJEM

## (Bejn l-1 ta' Ottubru 2005 u t-30 ta' Settembru 2006).

**Ottubru 2005:**
Victoria Sghendo; Salvatore Sciberras; Maria Agius u John Mary Costa.

**Novembru 2005**:
Mabbli Camilleri; David Farrugia; Francis Falzon; Annunziata Galea; Joseph Rosario Cassar.

**Diċembru 2005:**
Amabile Azzopardi; Nicholina Mifsud; Catherine Vella; Francis Schembri; Ludgarda Ciappara; Teodore Tabone; Michael Sammut; Tarbija (Barbara).

**Jannar 2006:**
Carmel Buttiġieġ; John Baptist Hili; Maria Ciantar; Dolores Vella; Josephine Calamatta; Concetta Cachia; Joseph Borg; Angela Muscat; Maria Ciantar; Anthony Vincent Camilleri.

**Frar 2006:**
Pauline Vella; M'Anne Cutajar; Mario Bonnici; George Ciantar; M'Stella Sapiano; John Agius; Paul Farrugia; Grazio Bugelli; Rose Vassallo; Francis Bonello; Filippa Chetcuti; Benjamin Buttiġieġ (Tarbija); Joseph Micallef; Daniel Abela; Salvina Attard.

**Marzu 2006:**
Marianna Chircop; Louis Borg; Joseph Attard; Sean Tanti; Philip Buhagiar; Giovanna Micallef; Philip Agius; Maria Camilleri; Jesmond Fenech; Pawlina Delicata; Mikelina Micallef; Ġużeppi Mifsud.

**April 2006:**
Mary Agius; Ġużeppa Azzopardi; Joseph Bantick; Vincenza Caruana; Paul Attard; Carmela Buhagiar; Josephine Piscopo;



**Mejju 2006**:
Simon Farrugia; Philip Caruana; Guzman Micallef; Nazzareno Aquilina; Alexis Chircop; George Attard.

**Ġunju 2006:**
Paul Vassallo; Carmelo Gauci; Nicholina Gatt.

**Lulju 2006:**
Catherine Cortis; Francesco Busuttil; Margaret Bugeja; Leonard Attard; Rosana Attard; Mary Mallia.

**Awissu 2006:**
Rosaria Taliana; Emanuela Bonanno; Maria Micallef; Costantino Aquilina; Filippo Vella; Annunziato Axiaq; M'Stella Magri.

**Settembru 2006:**
Publius Vella u Dante Bonnici.

**Agħtihom, O Mulej, il-Hena ta' Dejjem!**


**TWANNY SPITERI**
**u**
**WENZU PSAILA**

**Funeral Service**

***24 Hour Service***

4, 'Shalom',
Triq il-Watar,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ.

Day/Night
Tel: 2146 0950
Office: 2147 2219
Mob: 9947 1168


## LAQGĦA STIL *TAIZÉ*

**--- Għall-Qraba u l-Ħbieb Ta' Dawk Kollha Li Mietu Matul Din is-Sena, i.e. bejn l-1/10/2005 u t-30/09/2006.**
**Nhar l-Erbgħa, il-15 ta' Novembru 2006, mis-7.00pm sat-8.00pm., fil-Knisja Arċipretali.**

**NILTAQGĦU FLIMKIEN BIEX NITOLBU GĦAL RUĦ QRABATNA U ĦBIEBNA LI GĦADDEW GĦALL-ĦAJJA TA' DEJJEM!**

## GRAZZI u AWGURI, *Father* CHARLES!!



Grazzi minn qalbna lil *Father* Charles Cini, li serva, kemm ilu Arċipriet Fr. Daniel, bħal l-Viċi-Arċipriet tal-Parroċċa tagħna, ħa ħsieb taż-żgħażagħ tagħna (partikularmant fiċ-ċentru "Ta' Warda"), mexxa l-Kummissjoni Parrokkjali "Liturġija", ħadem ħafna biex illum għandna Ktieb tal-Kant ġdid, eċċ., eċċ. U, nawgurawlu hena u ħidma siewja fi dmirijietu ġodda pastorali fl-Italja. Il-Bambin jieqaf miegħu matul ħajtu saċerdotali kollha!!

## SERATA AMBJENT

Nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Novembru 2006, fis-SALA PARROKKJALI "DUN MIKIEL XERRI". Mis-7.15pm sal-10.30pm.

Organizzata mill-Kummissjoni Parrokkjali "Ambjent", bil-kollaborazzjoni tal-Għaqdiet u l-Kummissjonijiet kollha tal-parroċċa.

Serata (għall-familja kollha), li ser tkun tikkonsisti f'kant, żfin, qari ta' poeżiji, *powerpoint presentation, video clips,* eċċ.

## ASSEMBLEA PARROKKJALI

**"Flimkien Fi Kristu Għas-Servizz tal-Bniedem"**

Nhar il-ĠIMGĦA, 24 TA' NOVEMBRU 2006,

fis-SALA PARROKKJALI "DUN MIKIEL XERRI",mis-7.00pm sad-9.00pm.

**IL-PARRUĊĊANI KOLLHA HUMA MISTEDNIN U MĦEĠĠIN JATTENDU U JIPPARTEĊIPAW!**

**JOSEF FELICE**
***Funeral Services***

**SERVIZZ TA' 24 SIEGĦA KULJUM**

***"CASA FELICE"***,
**Triq l-Indipendenza, Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ.**
**21 466 599 9945 6733**

Benjamina
Curtain Designs

**HABERDASHERY**
*Heading tapes differenti tal-purtieri, freneż, tie backs, pipings – kollox pariġġ eċċ...*

Noffri servizz ta':
a) Tagħlim ta' purtieri u pavaljuni.
b) Tfssil ta' purtieri għal min jaf iħit.
ċ) Ħjata ta' purtieri u pavaljuni.

**BENJAMINA ATTARD**
1, Saint Rocco Str.,
Żebbuġ, Malta
21 465 810 9982 9866




# ROBERT GAUCI
INSURANCE SUB-AGENT
**Vjal il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ**
**Tel: 21 461 664 Mob: 9947 8757**

Middlesea Insurance p.l.c.

MIDDLESEA VALLETTA LIFE
Assurance Company Limited
So much more to life

Robert Gauci is authorised to carry on Insurance sub-agency activities for and on behalf of Middlesea Insurance p.l.c., and Middlesea Va

*Issettjat u Stampat: Veritas Press, Żabbar*